Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt

## Seduta numru 2. Illum it-Tnejn, 6 ta' Lulju 2009

### MINUTI

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 6 ta' Ġunju 2009, ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fis-6.15p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

Approvazzjoni tal-Minuti
Korrispondenza
Komunikazzjonijiet
Assenjazzjoni ta' Delegi lill-Kunsilliera
Sotto Kumitati
Laqgħat tal-Kunsill
Offerta għall-qtugħ ta' ħaxix ħażin mit-toroq
Affarijiet Mixxellanji

### PREŻENTI

Is-Sindku Paul Vella, il-Viċi Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, Il-Kunsillier Giovanni Gatt, il-Kunsillier Maria Said

Is-Segretarju Ezekuttiv : Christine Lewis, Deputat Segretarju Eżekuttiv : Noel Cini

Mill-Pubbliku : Is-Sur Agostino Ebejer, is-Sur David Battistino

Il-Laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku Paul Vella

### MINUTI

**3.0 Approvazzjoni tal-Minuti**

3.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u, wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk ffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**4.0 Korrispondenza**

4.1 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ġew mistiedna jattendu laqgħa dwar l-iskema ta' l-ETC u s-Segretarjat Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku dwar il-Community Work scheme, fejn persuni li jkunu ilhom jirreġistraw għal numru ta' snin jiġu assenjati għal perjodu ta' sitt xhur mal-Kunsill u jwettqu xogħol fil-komunita. Il-laqgħa se ssir il-Ħamis, 9 ta' Lulju.

4.2 Il-Kunsill irċeva l-approvazzjoni ta' l-ADT biex parti minn Triq il-Majjistral tiġi one way traffic. Kien hemm qbil li t-tabelli jitwaħħlu fil-jiem li ġejjin.

4.3 Ġiet iċċirkolata l-proposta mgħoddija mill-GRTU imsejjħa Green MT, dwar possibilita li din il-kumpanija tiġbor skart separat mil-lokalita. Il-Kunsill se jistudja din il-proposta f'aktar dettall, biex jara l-vijabilita tagħha għal-lokalita ta' l-Imġarr.

4.4 Il-Ministeru għat-trasport u Komunikazzjoni laqa' l-proposta tal-Kunsill biex ikun hemm servizz ta' trasport għall-Bajja tal-Ġnejna matul ix-xhur tas-Sajf. Il-Kunsill ġie nfurmat li dan is-servizz għandu jidħol bħala parti mir-riforma fuq it-trasport pubbliku.

4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat ittra legali mibgħuta minn Aldo Vella & Associates dwar problema li resident qed isib minħabba l-ħmieġ li qed jitħalla fejn il-Bring In Sites fi Triq Ganfra, kif ukoll problema ta' veloċita eċċessiva li jgħaddu biha l-vetturi minn maġemb ir-resident. Il-Kunsill qabel li l-ittra tgħaddi għall-attenzjoni ta' l-Avukat tal-Kunsill biex jipprepara tweġiba.

4.6 Ġiet innutata l-korrispondenza mis-Segretarjat Parlamentari għall-Isport, fejn il-Kunsill ġie nfurmat li permezz ta' Avviż Legali, il-faċilitajiet sportivi maġemb il-grawnd tal-futbol se jgħaddu f'idejn l-amministrazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Isport. Il-Kunsill se jinforma b'dan lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, peress li tali deċiżjoni se taffetwa b'mod negattiv l-assi tal-Kunsill. Għalhekk saret talba lid-Dipartiment biex l-Uffiċċju Amministrattiv jingħata lill-Kunsill b'devoluzzjoni biex ikun jista' jibbilanċja l-assi tiegħu.

4.7 Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni qabel mal-proposta tal-Kunsill biex il-mibki Surmast Ġanni A. Cilia jibqa jitfakkar fl-iskola billi xi bini mill-iskola jissemma għalih, fid-dawl li l-iskola primarja qed tissemma Kulleġġ San Nikola. Is-Sindku propona li s-Sala ta' l-iskola tissemma għas-Sur Ganni A. Cilia. IL-Kunsill qabel unaniment. Se tintbagħat proposta f'dan ir-rigward lis-Surmast u l-Kunsill skolastiku.

4.8 Il-Kunsill innota l-korrispondenza mill-Kappillan dwar l-armar tan-nar ta' l-art taħt iz-zuntier u t-talba biex jitneħħew il-kiosks tal-festa minn dan il-post waqt il-ħruq tan-nar. Il-Kunsill iddiskuta dwar dan u se jkun qed jiddiskuti din il-materja ma' laqgħa li se ssir għada mal-pulizija u l-Kappillan f'dan ir-rigward. Il-Kunsillier Clayton Gauċi nforma li din tista' tkun l-aħħar sena fejn jintrama l-logħob tan-nar taħt iz-zuntier peress li l-ħsieb tal-Kumitat tal-Festa huwa li dan jerġa' jibda jiġi armat fuq iz-zuntier u għalhekk din il-problema tissolva. Il-Kunsill irrimarka wkoll fuq il-problema li hawn bħalissa peress li l-pompa tal-petrol fil-pjazza tinsab miftuħa u għalhekk hija wkoll ta' ostaklu fil-pjazza. Kien hemm qbil li ssir il-laqgħa ta' għada u l-Kunsill jerġa' jiddiskuti dwar din il-materja.

4.9 Inqrat ittra mill-ADT, fejn approvat li tiġi nstallata Pelican Crossing fi Triq Għajntuffieħa, 'Ta' Mrejnu'. L-ADT infurmat li din it-talba se titpoġġa fuq il-lista ta' prijoritajiet li għandha l-ADT biex jiġu nstallati pelican crossings ġodda. Il-Kunsill jittama li din il-Pelican Crossing tingħata l-attenzjoni meħtieġa biex titwaħħal malajr kemm jista' jkun għall-ġid tar-residenti.

5.0 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat talba minn sid ir-ristorant Ta' l-Ingliż biex il-Kunsill jagħti n-No Objetion tiegħu biex ikun jista' japplika għal permess mal-MEPA biex jarma mwejjed u siġġijiet quddiem ir-ristorant tiegħu. Il-Kunsill iddiskuta dwar din il-materja u kien hemm qbil li ladarba jkun hemm applikazzjonijiet f'dan ir-rigward, kull każ jiġi studjat skond il-merti tiegħu. Il-membri tal-Kunsill, ħlief għall-Kunsillier Ġiovanni Gatt ivvutaw favur din it-talba, bil-

Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt

kundizzjoni li tinżamm il-wisa' tal-faċċata tar-ristorant, li tinħareġ wisa' ta' mejda 'il barra u li l-imwejjed u siġġijiet jinremaw biss bejn it-8.00pm u l-11.00pm.

5.1 Il-Kunsill qabel li jixtri kopja tal-ktieb, it-Tielet Qamar ta' John A. Bonello għal prezz ridott ta' € 8 għall-librerija pubblika.

5.2 Il-Kunsill qabel li x-xogħol fuq soffitti jingħata lill-kumpanija Projekt Teknik, peress li kienet l-orħos kwotazzjoni sottomessa.

5.3 Il-Kunsill qabel li x-xogħol fuq bulkheads jingħata lill-kumpanija Spot On, peress li kienet l-orħos kwotazzjoni sottomessa.

**6.0 Komunikazzjonijiet**

6.1 Is-Sindku nforma li l-line markings madwar ir-raħal waslu biex jingħataw iż-żebgħa mill-ġdid. Huwa ppropona li l-konsulent tal-Kunsill is-Sur Hugh Arnett jevalwa x-xogħol li huwa meħtieġ isir biex jagħti rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

6.2 Is-Sindku nforma li fil-ġranet li għaddew iltaqa' ma' Perit mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, fejn infurmat li l-Ministeru għandu l-ħsieb li jibni l-bandli tal-Pjazza mill-ġdid. Huwa qal li din il-Perit ġiet fuq il-post u se tibda taħdem fuq il-pjanti l-ġodda. Huwa nforma li dan il-proġett jista' jkun li jiġi ffinanzjat minn Fondi allokati lill-Kunsill ta' l-'Urban Improvement Fund'

6.3 Il-Kunsillier Maria Said staqsiet fuq l-iżvilupp tal-Mini Pitch propost fil-bitħa ta' l-iskola primarja. Is-Sindku nforma li qed issir pressjoni ma' l-Awtoritajiet kkonċernati biex ix-xogħol jibda mingħajr dewmien.

6.4 Is-Sindku qara l-ittra li rċeva mis-Segretarju Eżekuttiv ftit ġimgħat ilu dwar talba li għamlet għal erbatax il-ġimgħa leave tal-maternita, filwaqt li talbet li ġġib it-tarbija tagħha fl-Uffiċċju fl-ewwel xhur tagħha biex tkun tista' tidħol għax-xogħol fl-iqsar żmien. Is-Sindku u l-Kunsillieri preżenti vvutaw favur il-proposta. Il-Kunsillier Giovanni Gatt ivvota kontra.

**7.0 Assenjazzjoni ta' Delegi / Sottokumitati**

7.1 Is-Sindku talab lill-Kunsillier Giovanni Gatt jidentifika liema delegi jħossu komdu jaħdem fuqhom, peress li hu kien assenti għal-laqgħa li saret mis-Sindku dwar dan is-suġġett. Wara nsistenza mis-Sindku biex dan ikun jista' jagħti l-veduti tiegħu dwar dan is-suġġett, il-Kunsillier Giovanni Gatt informa li jixtieq li jżomm is-servizzi kollha; dawl, ilma, telefon, bulky refuse.

7.2 Is-Sindku ppropona d-delegi kif jidhru annessi ma dawn il-Minuti u qal li dawn jiġu approvati l-laqgħa li jmiss, biex kull Kunsillier ikun jista' jagħti l-veduti tiegħu f'dan ir-rigward.

7.3 Is-Sindku ħeġġeġ lill-Viċi Sindku Eman Vella u l-Kunsillier Clayton Gauċi biex jaħdmu flimkien kemm jista' jkun fuq l-aspett taż-żgħażagħ u sport u ħeġġiġhom biex ifasslu pjan ta' sena f'dan ir-rigward.

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt

7.4 Il-Kunsillier Clayton Gauċi semma l-fatt li numru ta' żgħażagħ staqsew jekk is-Sinjorina Sharon Abela, Segretarja tal-Kumitat taż-żgħażagħ għandiex tibqa' tokkupa din il-kariga fid-dawl tal-Kunsillieri eletti. Il-Kunsill qabel li din għandha tibqa' tokkupa din il-kariga għax dejjem għamlet ix-xogħol tagħha b'mod professjonali. Il-Kunsillier Giovanni Gatt beda jgħaddi numru ta' rimarki dwar dan il-punt. Is-Sindku talbu jirtira mmedjatament id-diskors mhux xieraq, iżda dan baqa' jirrifjuta. Il-Kunsill qabel li s-Sinjorina Sharon Abela tibqa' tokkupa l-kariga ta' Segretarja tal-Kumitat taż-żgħażagħ, peress li din dejjem okkupat din il-kariga b'mod dinjituż. Is-Sindku qal li mhux se jittollera kliem baxx u atteġġjament inapproprjat waqt il-laqgħat tal-Kunsill.

7.5 Il-Kunsillier Clayton Gauċi ressaq ittra lis-Segretarju Eżekuttiv fejn infurmaha dwar il-btala li se jagħmel fil-Kenja bejn id-9 ta' Lulju u d-9 ta' Awissu u għalhekk ma jistgħax ikun preżenti għal laqgħat tal-Kunsill li jsiru bejn dan il-perjodu. Il-Kunsill awguralu kull suċċess fil-ħidma tiegħu f'dan il-pajjiż.

7.6 Il-Kunsill qabel li jżomm il-Kumitat Żgħażagħ u l-Kumitat Inħaddru l-Imġarr bis-Siġar.

**8.0 Laqgħat tal-Kunsill**

8.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħat tal-Kunsill isiru kull nhar ta' Tlieta, fis-6.00p.m. kull tliet ġimgħat, sakemm ma jkunx hemm avviż dwar tibdil mis-Sindku minn numru ta' ġranet qabel.

**9.0 Offerta għall-qtugħ ta' Ħaxix Ħażin mit-Toroq**

9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-offerta għall-qtugħ ta' ħaxix u knis ta' toroq urbani waslet biex tispiċċa fl-aħħar tax-xahar ta' Settembru. Is-Sindku ppropona li jibda l-proċess biex toħroġ offerta ġdida u jiġi analizzat id-dokument ta' l-offerta għal bżonn ta' tibdiliet. IL-Kunsill qabel mal-proposta.

**10.0 Affarijiet Mixxellanji**

10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-ilmenti li daħlu mill-pubbliku għall-attenzjoni tagħhom. Dawn ġew diskussi u ittieħdu deċiżjonijiet dwarhom.

10.2 Il-Kunsill qabel li jevalwa t-talbiet tal-lampi ġodda pendenti fis-Seduta li jmiss.

10.3 Il-Kunsill qabel li jevalwa l-possibilita li tinżebaħ linja safra tul Triq il-Kbira, man-naħa ta' Castello Żammitello, biex ma jkunx hemm ostaklu lit-traffiku, speċjalment meta jkun hemm funzjoni f'dan il-palazz. Is-Sur Hugh Arnett se jkun mitlub jagħmel ir-rakkomandazzjoni tiegħu f'dan ir-rigward.

10.4 Ġiet approvata l-lista ta' ħlasijiet annessa ma dawn il-Minuti.

10.5 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00p.m.

10.6 Is-Sindku sejjaħ laqgħa oħra tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 16 ta' Lulju 2009, fis-6.00p.m.

# Kunsill Lokali Mgarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*


Christine Lewis
Segretarju Eżekuttiv

Paul Vella
Sindku


***Sindku** : Paul Vella, **Viċi Sindku** : Eman Vella*
***Kunsillieri** : Clayton Gauċi, Giovanni Gatt, Maria Said*
***Segretarju Eżekuttiv** : Christine Lewis Dip.Gen.Mgt.(MSM), MIM, PG Cert. in CSM (Leic.)*